# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 255/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ransley)

vs

**Tyrone Difesa**

iben Charles, imwieled Pieta', fis-27 ta' Awwissu, 1997, detentur tal-karta tal-identita' numru 335097(M)

Illum 30b ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Tyrone Difesa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Mejju, 2014 u 1-31 ta' Mejju, 2014 fi Triq it-Torri , Sliema:-

1. B' nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b' nuqqas ta' ħila fl- arti jew professjoni tiegħu, jew b' nuqqas ta' tħaris tar- regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq

kif imsemmi f’ dan is-subtitolu fuq id-delitt kontra s-sigurta pubblika fuq ħsarat fil- propjeta' u cioe' f’ tlett vetturi

2. Saq vettura bil- mutur tal- għamla Opel Astra bin- numru ta' reġistrazzjoni Ungerizi HBR 782 b' nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b' mod perikoluż;
3. Saq vettura b' numru tar- reġistrazzjoni CBR 697 mingħajr ma kellu liċenzja tas- sewqan maħruġa mill- Kummissarju tal- Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it- trasport ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta’ Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 328(d) tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, rat l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant kkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal tlett (3) snin taħt superviżjoni ai termini tal-Artiklu 28G tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tyrone Difesa minnu ppreżentat fis-16 ta’ Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-4 ta' Ġunju, 2014 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'dan illi tirriduċi l-piena għal waħda aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju tal-appellant jitratta dwar il-piena.

Illi l-piena li biha kien ikkundannat l-appellant hija waħda eċċessiva u mhix idonea fiċ-ċirkostanzi.

Illi l-appellant kien akkużat bl-artiklu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. Tali artiklu jipprovdi s-segwenti: -

"F'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tlett xhur, jew il-multa, jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet".

Illi pero' l-akkużat kien għad kellu l-eta' ta' sbatax-il sena meta twettaq ir-reat, u għalhekk, anke ai termini ta' l-emendi riċenti tal-Att III ta' l-2014, li ssostitwixxa l-artiklu 37 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena kellha titnaqqas bi grad jew tnejn. Iżda I-Ewwel Qorti setgħet ukoll tikkundannah għall-pieni tal-kontravenzjonijiet jew multa.
Illi jekk wieħed jara l-artiklu 31 (1)( ċ) tal-Kodiċi Kriminali, l-inżul mill-erbatax-il grad jipprovdi għal piena ta' mhux iżjed minn għoxrin ġurnata priġunerija, jew għal detenzjoni jew għal ammenda.

Illi l-istess għandu jingħad għall-artikolu 15(1)(a) tal -Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi pero', l-Ewwel Qorti kkundannat lill-akkużat għal piena ta' xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin.

Illi kemm id-difiża kif ukoll il-prosekuzzjoni qablu li l-applikazzjoni ta' l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta kien ikun idoneu fiċ-ċirkostanzi, aktar u aktar peress li l-appellant aktar għandu bżonn minn jiggwidah sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Illi l-appellant għadu kif sab impjieg u għandu għajnuna kbira mill- ġenituri tiegħu sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Kien għalhekk li kemm id-difiża kif ukoll il-prosekuzzjoni raw li l-aktar piena idonea fiċ-ċirkostanzi kienet tkun Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa fatt li persuna li għandha l-eta' ta' sbatax-il sena u li diġa' għandha sentenza ta' ħabs, se ssibha aktar diffiċi sabiex tirriforma ruħha u dan għaliex anke meta tipprova ssib impjieg, din se ssib ħafna bibien magħluqa.

Illi bl-ebda mod ma l-appellant qiegħed jipprova jiġġustifika dak li huwa wettaq. Anzi l-appellant ikkopera pjenament mal-prosekuzzjoni, u ammetta dak li għamel fi stadju bikri.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għax skont l-appellant ma jimmeritax din il-piena,

Illi l-appellant ammetta mal-ewwel l-akkużi miġjuba kontra tiegħu mressqa mill-prosekuzzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza immediatament stante l-istess ammissjoni tal-appellant u spjegat r-raġunijiet ċari il-għala kienet ser tgħaddi għal tali piena.

Illi din il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-appellant fejn jirriżulta li din ma kinitx l-ewwel darba kiser il-liġi u kien diġa ngħata Ordni ta' Probation minn Qorti diversament preseduta.

Ili oltre l-akkuża taħt l-Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 huwa kellu anke akkuża taħt tal-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta fejn f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-appellant setgħa anke weħel sa mhux iżjed minn 1,200 Ewro multa jew sa massimu ta' sena priġunerija.

Illi l-piena li mponiet l-Ewwel Qorti hi waħda fil-parametri tal-liġi stante li niżlet iż-żewġ gradi rikjesti mill-Artikolu 37 tal-Kap 9 peress li l-appellant kien għad kellu sbatax-il sena meta għamel ir-reat.

Ili l-Ewwel Qorti wiżnet is-sitwazzjoni tal-appellant qabel ma imponiet tali piena u din il-Qorti ma tħossx li din għandha tiddisturba tali deċiżjoni.

**Konklużjoni**:

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiċħad l-appell ta' Tyrone Difesa u tikkonferma s-sentenza appellata.